MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 35/2013

**UCIM Co. Ltd (C34235)**

**V**

**Keith Seguna (K.I. 465986M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 25 ta' Gunju, 2013 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed teccepixxi:

Illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn erbgha u hamsin Ewro (€1,254);

Illi dan l-ammont huwa dovut lis-Socjeta' attrici in rapprezentanza tas-service li ghamlet l-istess Socjeta' attrici fuq Alfa Romeo 147, bin-

numru tar-registrazzjoni IBF 859 liema service gie fornit lilu fuq rikjesta tieghu stess.

Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-intimat hareg ‘cheque’ tas-Socjeta’ attrici ghas-saldu tal-ammont pretiz mis-Socjeta’ attrici izda dan ic-‘cheque’ gie rifjutat mill-Banek u cioe’ ma setghax jigi msarraf, kopja ta’ liema hija annessa u mmarkata ‘Dok A’;

Illi nonostante diversi interpellanzi nkluz dawk permezz t’ ittra gudizzjarja u kwerela (vide kopji hawn annessi u mmarkati ‘Dok B’ u ‘Dok C’) l-intimat xorta baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant is-Socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-istess Socjeta’ attrici l-ammont mitlub minnha;

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 12 ta’ Lulju, 2011 u l-imghax legali bl-oghla rata permessa mill-ligi bid-data ta’ meta saru x-xogholijiet sal-effettiv pagament. L-intimat huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 10 t’ April, 2013 fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-esponent ha l-vettura tieghu ghat-tiswija u s-Socjeta' attrici bidlitlu part li kienet bil-hsara u talbitu elf u sitt mitt Ewro (€1,600) (Dok KS1);

Illi din il-part, li kellha sena garanzija rega kellha l-hsara izda s-Socjeta' attrici qalet li din kienet part differenti u ghalhekk regghet talbet lill-esponenti s-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin Ewro (€1,254);

Illi l-esponent ha l-vettura tieghu ghand mechanic privat tieghu u spjegalu li l-part li kienet bidlitlu fil-bidu s-Socjeta' attrici, rega kellha l-istess fault u ghalhekk mhux minnu li kienet parti ohra li kienet bil-hsara (Dok KS2).

Illi in effetti l-esponent jikkontendi li adirittura gie ngannat meta s-Socjeta' attrici spjegatlu li kienet biddlitlu part ohra (mechanical fault) meta l-hsara kienet fuq part li kienet taht garanzija.

Illi dan kollu se jigu ppruvat waqt is-smigh u gbir ta' provi.

Ra l-avviz datat 25 ta' Jannar, 2013;

Ra r-risposta tal-konvenut datata 10 t'April, 2013;

Ra l-affidavit ta' Keith Seguna datat 3 ta' Frar, 2015 a fol 44 tal-process;

Semgha x-xhieda kollha;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Sema` t-tratazzjoni tal-partijiet;

Ra l-verbal tat-23 ta' Marzu, 2015 fejn thalliet ghas-Sentenza.

Ikkunsidra :

Fit-talba odjerna t-Tribunal gie mitlub jiddeciedi dwar talba ghas-servizzi maghmula mis-Socjeta' attrici ghat-tiswija tal-vettura tal-konvenut. Illi l-kontestazzjoni kienet illi *part* tal-karozza mibdula fl-ewwel servizz maghmula mis-Socjeta' attrici regghet kellha l-hsara u ghal dan iccargjat somma ohra ta' flus.

Xehed **Marcel Avellino** li ddikjara illi l-konvenut kien hallas is-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin Ewro (€1,254.00) is-somma sorte ta' din it-talba. Illi dan l-ammont kien ghax-xoghlijiet ta' tiswija fuq vettura Alfa 147 bin-numru ta' registrazzjoni IBF859 (job card 634/900[1])[2]. Illi dan ic-cekk ma ssaraffax.[3]

[1] Ara fol 17
[2] Ara xhieda a fol 16 tal-process
[3] Ara dok a fol 6

Xehed **Eric Gauci** mekkanik li jahdem ma' UCIM. Hu xehed dwar il-*job card* li ghaliha nharget l-*invoice* mertu ta' din il-kawza. Ikkonferma li hu kien ghamel parti mix-xoghol tal-job card 634900. Hu kien wahhal il-*gear box*. Kollega tieghu Karmenu Curmi kien ghamel il-bqija tax-xoghol. Ix-xoghol li sar kien fuq is-*speedo sensor, switch inverse* u zejt tal-*gear box*. Dawn l-affarijiet msemmijin fil-job card: *remove alternator, replace regulator, replace battery, repair work for brake switch.* Dawn m'ghandhomx x'jaqsmu mal-*gear box.* Zied illi l-*brake switch* huwa dak li jixghel id-dawl meta titfa il-karozza fir-*reverse*. Ghalhekk l-affarijiet ta' din l-*invoice* tal-ahhar huma kollha affarijiet elettronici.

Xehed l-Inginier **Karmenu Galea** li tkellem dwar iz-zewg job cards (632075[4] 634900[5]) u spjega illi z-zewg job cards huma differenti ghal-xulxin u huma ghall-xoghol differenti. Il-job card 632075 tirrigwarda *fault actuator* li jinsab fil-vetturi awtomatici u l-problema kienet tikkoncerna *leak* taz-zejt.[6] Skont id-*diagnostics* it-tieni darba kien hemm problema ta' xort' ohra u cioe *speedo sensor* u s-switch tar-*reverse light.* Hu wera d-differenza bejn il-*parts* permezz tad-dokumenti 'CG1', 'CG2', 'CG 3' u 'CG4.'[7]

Fix-xhieda u l-affidavit **tieghu Keith Seguna** stqarr illi kien ha l-vettura tieghu Alfa Romeo 167 ghand l-agent UCIM u dan peress illli d-*dashboard* beda juri "*sele speed system error*". Il-vettura ma xtrahiex minghand UCIM imma kien jaghmel it-tiswijiet hemmhekk.

[4] Fol 13
[5] Fol 17
[6] Ara Dok CG1
[7] Ara ukoll dok CG 3 u CG 4

Mar darbtejn ghand UCIM, l-ewwel darba f'Novembru, 2013. L-ewwel darba li ha l-karozza rrizulta li kellu jinbidel l-*actuator.* Din inbiddlet u kellha garanzija ta' sena. Ghal dan ix-xoghol kien hallas elf sitt mija u erbgha u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,674.55C). F'Mejju,2011, wara sitt (6) xhur, dan rega beda juri l-istess *error* u cioe "*sele speed system error*" u ghalhekk rega ha l-vettura ghand UCIM. Fil-fehma tieghu s-Socjeta' attrici ma kinitx taf x'kienet il-problema u ghalhekk bdiet tipprova tiskopri x'kienet il-problema permezz ta' *trial and error*. Infatti nbiddlu hafna *parts* li ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-'*sele speed system'*. Halla l-vettura ghandhom ghal xahar biex jiskopru x'kienet ezatt il-problema. It-tieni darba nfurmah li kienu bidlu *part* ohra u dan minkejja l-fatt li l-problema kienet l-istess wahda. Peress li ma kellhiex x'taqsam mal-*part* l-ohra li bidlu talbuh somma ohra flus. L-ghada li ha l-vettura regghet waqfet u hadha ghand mekkanik iehor. Hadha ghand 'Gellux Garaxx', il-Mosta. Dan ittestja l-vettura permezz ta' kompjuter u nfurmah li kienet falliet fil-*clutch sensor*. Illi skont hu x-xoghol li kien sar mhuwiex veru li sar. Iddikjara li rrealizza li hallas ghall-*part* li lanqas nbidlet. Wara li sewwiha ta' 'Gellux Garaxx' il-vettura ma regghetx wafqet. Iddikjara illi rigward il-*parts* sostitwiti hu ma nghatax il-*parts* miksurin lura.

Ikkunsidra:

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut kif indikata fir-risposta hija li l-*part* li nbidlet fl-ewwel *service* rega kellha l-hsara. Illi pero` mill-affidavit, ir-ragunijiet ghall-kontestazzjoni tal-konvenut ivvarjaw ghaliex id-difett li kien qed jintwera fuq il-*monitor* tad-*dashboard* u li ghaliha

kien dahhal il-karozza ghat-tiswija baqa' hemm ossia fault fis-*selespeed*.

Min-naha taghha s-Socjeta` attrici gabet diversi mpjegati li stqarru taht gurament illi x-xoghol imnizzel f'dawn il-*job cards* sar fuq il-vettura u li sar xoghol differenti u nbiddlu parts differenti.

L-ewwel problema jidher kienet *oil leak* fl-*actuator*[8]. Illi l-job card tindika "*check oil leak from selespeed*", filwaqt illi fit-tieni darba sar xoghol iehor u dan biex issir it-tiswija tas- "*sele speed failure warning*".

Illi jidher illi ghalhekk hareg li sar xoghol iehor biex jsibu tarf ta' dan id-diffett. Illi taht gurament l-Inginier stqarr li dan kien xoghol iehor li m'ghandux x'jaqsam max-xoghol ta' qabel.

Illi ghalhekk it-Tribunal ghalkemm il-konvenut qed jikkontesta li l-problema ma ssolvitx min-naha tas-Socjeta' attrici jhoss li ma hemmx dubju li x-xoghol indikat fil-*job cards* sar. Illi l-konvenut biex jissostanzja l-argument tieghu stqarr illi qatt ma gabar il-*parts* imkissrin u infatti allega illi dawn ma nbiddlux. It-Tribunal pero` jinnota li meta gabar il-vettura l-konvenut iffirma dokument li jiddikjara :

[8] Ara fol 13 job card 632075

*"(a) The works I requested have been duly carried out, (b) the works were explained to me in sufficient detail by the service advisor, (c) I had the option to retain the parts."*[9]

Illi ghalhekk kellu kull opportunita` jiehu l-*parts* jew jistaqsi ghalihom. Hu ma ghamilx hekk. Skont il-konvenut ix-xoghol li ghamlet is-Socjeta` attrici ma kellux isir ghaliex skont mekkanik iehor il-problema kienet xort' ohra. Illi pero` ma ressaq l-ebda espert jew mekkanik iehor biex jixhed dwar dan. Illi ghalhekk il-prova li ghandu quddiemu t-Tribunal huwa l-verzjoni tal-konvenut li ma huwiex espert. Illi anke dak li ntqal jikkwalifika bhala "*detto del detto*" skont il-ligi Kap 598 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:-**

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi ma jistax jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghaliex ma gewx sufficjentement ippruvati. Ghaldaqtsant jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici fl-ammont ta elf mitejn u erbgha u hamsin Ewro (€1,254.00) bl-imghax u bl-ispejjes hekk kif indikati fl-Avviz.

[9] Ara dok a fol 17 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------